**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-ewwel (01) Laqgħa tas-Seba' (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 2 ta' April, 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur John Bray | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Raymond Tabone | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | Assenti. | |
| Is-Sur Jason Camilleri | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Anne Marie Fenech | 6.30p.m. | 8.43p.m. |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 6..30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 6.40p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Carmel Hili | 6.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sna Jane Chircop | 6.30p.m. | 9.30p.m. |

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, Is-Sur Ray Bartolo kien preżenti għal-laqgħa.

Kien preżenti wkoll fil-bidu tal-Laqgħa l-Assistent Ġudizjarju Ian Micallef.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.40p.m.

**1.00 Stqarrija ta' Merħba mill-Kunsillier Anzjan.**

Il-Kunsillier Anzjan, is-Sur Mario Salerno, ta merħba lil dawk kollha preżenti u mexxa l-Laqgħa sa ma nħatar s-Sindku.

**1.01 Ħatra ta' Sindku.**

Skont il-proċedura tal-liġi, is-Sur Mario Salerno, bħala l-persuna eletta bl-akbar numru ta' voti mill-Partit Laburista, li kellu l-akbar numru ta' Kunsilliera eletti, ddikjara li huwa kien qed jaċċetta l-kariga ta' Sindku għal-legislatura 2012 – 2015. Huwa ngħata l-ġurament tal-ħatra ta' Sindku mill-Assistent Ġudizjarju Ian Micallef u ffirma d-dokumenti meħtieġa.

**1.02 Ħatra ta' Viċi-Sindku.**

Il-Kunsillier Alex Bezzina, bħala l-persuna eletta bit-tieni l-akbar numru ta' voti mill-Partit Laburista, li kellu l-akbar numru ta' Kunsilliera eletti, ddikjara li kien qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku għal-legislatura 2012 – 2015. Huwa ngħata l-ġurament tal-ħatra ta' Viċi-Sindku mill-Assistent Ġudizjarju Ian Micallef u ffirma d-dokumenti meħtieġa.

**1.03 Stqarrija ta' merħba tas-Sindku**

Is-Sindku, s-Sur Mario Salerno, għamel diskors ta' merħba fejn awgura lill-Kunsilliera kollha eletti u qal li huwa xtaq li matul din il-leġisslatura l-Kunsilliera kollha jaħdmu bħala familja waħda. Huwa qal li kien hemm ħafna xogħol xi jsir u għalhekk kemm huwa bħala Sindku u kemm il-poplu tal-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar kien jistenna li l-Kunsilliera kollha jikkoperaw bejniethom u jgħinu lil xulxin. L-għan ta' kull Kunsillier kellu jkun li għalkemm voluntier jkollu s-sodisfazjon bil-proġetti li jsiru matul din il-leġisslatura. Kien importanti li l-Kunsilliera jaħdmu bħala *team.* It-tlettax-il Kunsillier għandhom kompetenzi u potenzjal qawwi u kien jistenna li l-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar jkun l-għira ta' Kunsilli oħra. Huwa, bħala Sindku, għandu fiduċja li wara 3 snin wieħed iħares lura u jkun kburi. Huwa kien ċert li kien ser ikun hemm taħbit ta' ideat iżda trid tinqata' figura tajba sabiex inkunu l-aqwa fost il-kunsilli ta' Malta. Ma għandux ikun hemm disgwid bhal ma hemm jew kien hemm f'ċertu kunsilli.

Is-Sindku qal li kienet etika li qabel tibda l-Laqgħa tal-Kunsill nistennew sa ma jinġabar kulħadd billi jista' jkun il-każ li xi ħadd jasal ftit tard. Huwa jitlob dixxiplina. Kull Kunsillier irid jagħmel stqarrija tax-xogħol li jagħmel u jagħti rendikont.

Is-Sindku qassam dokument bit-titlu **"Hidma Kollettiva Għall-Legislazzjoni 2012-2015"** (kopja annessa). F'dan id-dokument hemm it-tqassim u dettalji tad-dekasteri ta' kull wieħed u waħda mill-Kunsilliera. Is-Sindku qal li fit-3 ijiem li ġejjin huwa kien ser jiddiskuti ma' kull wieħed mill-Kunsilliera ndividwalment u jistenna rispons. Is-Sindku qal li kif kien juri dan id-dokument, kull Kunsillier kien ser ikun inkarigat bħala '*leader*' minn proġetti tal E U. Iċ-ċavetta tas-suċċess kienet li jinġabru fondi minn dawn il-proġetti.

Il-Perit Graziella Galea qalet li bħala *Leader of the Minority* u f'isem il-Kunsilliera tal-minoranza tixtieq tawgura lis-Sindku, lill-Viċi-Sindku u lill-Kunsilliera kollha ta' din il-leġisslatura u qalet li kienu ser janalizzaw il-karigi mogħtija lilhom u tingħata risposta dwarhom.

Is-Sindku, is-Sur Mario Salerno, qal li ma jixtieqx li jkun hemm firda ta' grupp fuq naħa u grupp fuq naħa oħra u jkun hemm *pairing* fuq *tasks* għaliex kull *task* għandha l-isfidi tagħha.

**2.00 Sotto-Kumitati.**

Is-Sinkdu, s-Sur Mario Salerno, talab u ġie approvat li din l-*Agenda Item t*iġi diskussa fil-Laqgħa li jmiss sabiex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jagħżel il-persuni li huwa jixtieq li jkunu fis-sotto-kumitat tad-dekasteru tiegħu sabiex jgħinuh.

**3.00 Korrispondenza.**

Ġie unanimament deċiż li din l-*Agenda Item* tiġi diskussa fil-Laqgħa li jmiss.

**4.00 Xoghol Pendenti u ta' Urġenza.**

**4.01 *Staff* tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li huwa kien innota *understaff* u li kien hemm nuqqas serju ta' *staff* u li dawn kienu qed jaħdmu taħt pressjoni kbira. Huwa qal li s-Sinjura Josette Vella li kienet impjegata mal-Kunsill u li kienet issekondata mar-Reġjun tat-Tramuntana, għandha tinġab lura biex taħdem fl-uffiċju ammainistrattiv tal-Kunsill b'effett immedjat u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lir-Reġjun dwar dan. Is-Sindku staqsa wkoll li l-ħaddiema klerikali li telqu mill-Kunsill għandhom ikunu avviċinati

Il-Perit Graziella Galea qalet li kien hemm deċiżjoni tar-Reġjun li s-Sinjura Vella issir impjegata permanenti mar-Reġjun. Hija, bħala ex-Sindku, kienet ivvotat favur dan u ma tarax għaliex il-Kunsill ma għandux jonora din id-deċiżjoni li ttieħdet fir-Reġjun.

Is-Sindku qal li fid-dawl tas-sitwazjoni li kien jinsab fiha l-Kunsill minħabba li kien hemm nuqqas kbir ta *staff* u anke l-fatt li membru ieħor (William Vella) kien infurmaħ li kellu l-ħsieb li jirreżenja wkoll, kien hemm bżonn li din l-impjegata tiġi lura mal-Kunsill. Hawn is-Sindku qal li wieħed irid jagħżel jekk aħna hux ser inħarsu l-prijorita' tal-Kunsill u għandu staff nieqes jew inkella inħarsux l-interessi ta' ħaddieħor.

**4.02 Kuntratturi**

Is-Sindku, is-Sur Mario Salerno qal li huwa nfurmat li hemm xi problemi ma' xi kuntratturi fit-twettieq tal-obligi tagħhom skont il-kuntratti li dawn għandhom mal-Kunsill. Huwa qal li kien jippretendi li la darba il-kuntratturi huma mħallsin, dawn għandhom jagħmlu xogħlhom sew. Dan kien japplika wkoll anke għall-impjegati tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsilliera huma fuq bażi ta' voluntarjat iżda dawn huma obligati jaraw li fid-dekasteri tagħhom jingħata *value for money* għal kull proġett.

**4.03 Triq San Gorg**

Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntratturi Bonnici Brothers Limited dwar din it-triq wara li fuq parir tal-Perit is-Segretarju Eżekuttiv kien anke ħareġ '*default notice*' minħabba li l-kuntratturi kienu abbandunaw ix-xogħol f'din it-triq.

**4.04 Toroq *PPP batch 1***

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal illi x-xogħol fi Triq Efesu kien waqa' lura u s-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lill-kuntrattur sabiex jagħti spjegazjoni. Il-kunsillier, Perit Daniel Grima, staqsa jekk il-kuntratt kienx jimponi penali f'każi bħal dawn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratti tal-PPP kienu imfassla fuq *templates* tad-Dipartiment.

**4.05 Toroq *PPP batch 2***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport tal-Perit tal-Kunsill Etienne Magri li kien juri li l-kuntratturi Bonnici Brothers Ltd kienu lestew ħames toroq minn dan il-*batch*, iżda x-xogħol fi tlieta minn dawn it-toroq ma kienx "*up to specs*". Ġie deċiż li dan ir-rapport ikun ukoll suġġett fil-*meeeting* li kien ser isir mal-Kuntratturi fil-każ ta' triq San Gorg.

**4.06 Thalassalejn Boċċi Klabb**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm urġenza li tittieħed deċiżjoni dwar it-*tender* tal-planki minħabba li issa x-xogħol tal-bini min-naħa tal-klabb kien wasal biex jissaqqaf. Ġie deċiż li ssir laqgħa mar-rappreżentanti tal-Klabb fil-preżenza tal-Perit sabiex jiġu solvuti diffikultajiet li jeżistu fl-għoti tat-*tender* tal-planki.

**4.07 Proġett Miżura 313**

Is-Sindku nkariga lill-Kunsilliera, s-Sna. Mandy Buhagiar bħala Kunsilliera responsabbli tal-kultura u t-turiżmu sabiex flimkien miegħu jaraw li t-*tenders* jinħarġu fix-xahar ta' April skont struzjoniejiet tal-MRRA.

Is-Sinjorina Graziella Galea qalet lis-Sindku li hija nnteressata li tieħu ħsieb ukoll il-proġetti mibdiha minnha. Is-Sindku, s-Sur Mario Salerno qali li jilqa' din it-talba fejn irrefera għal xogħol fuq il-proġetti ta' Mizura 313, EARDF u l-proġett tal-LAG. Hija qalet li kienet ser taghti risposta aktar tard.

**4.08 Proġett ESF (Tender Project Manager)**

Is-Segretarju Ezekuttiv ingħata struzjonijiet sabiex jgħaddi t-*tender documents* tal-offerta li daħlet lill-Kunsillier il-Perit Daniel Grima sabiex jagħmel rapport dwarhom.

**4.09 Triq Ġulju**

Is-Sindku, s-Sur Mario Salerno qal li din it-tirq hija waħda residenzjali u qatt ma kien ippjanat li tieħu piżijiet bħal dawk tal-buses tal-Arriva u Coaches oħra, bir-riżultat li issa sfrondat kollha. Huwa qal li din it-triq għandha aktar minn 65% ħsara u għalhekk kienet ir-responsabilita' ta' TM li tirranġa din t-Triq.

Il-Kunsilliera, il-Perit Graziella Galea qalet li din ir-regola ma kienitx għadha applikabbli.

**4.10 Kawża Casa Serena**

Il-Kunsillier, il-Perit Daniel Grima intalab jeżamina ir-rapporti tal-periti dwar dan il-każ u jirraporta lura lill-Kunsill.

**4.11 Proġett MTA – Triq San Ġilardu u San Franġisk**

Ġie rrapurtat b'ilmenti mir-residenti li kien hemm xogħol mhux aċċettabli f'dan il-proġett u diġa' kien hemm bżonn ta' manutenzjoni. MTA għandhom jiġu nfurmati dwar min kien responsabli għal din il-manutenzjoni u jekk il-manutenzjoni kif maħsuba u maqbula mal-Kunsill issa jirriżulta li kienet aktar minn dak li kien jiflaħ għalih il-Kunsill. Għandha issir laqgħa mal-Perit Kevin Fsadni tal-MTA. Miss Graziella Galea qalet li MTA kienu nfurmati diġa'.

**5.00 Xogħol Addizzjonali**

**5.01 Fireworks Festival -** Din l-atttivita' għandha tiġi diskussa mis-sotto-kumitat tal-attivitajiet flimkien mal-promoturi tal-MTA.

**5.02 Lejla Pawlina Festival -** Din l-attivita' għandha tiġi diskussa mis-sotto-kumitat tal-attivitajiet flimkien mal-Kumitat tal-Festa tal-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

**5.03 Malta Summer Carnival Festival –** Din l-attivita' għandha tiġi diskussa mis-sotto-kumitat tal-Kunsill attivitajiet li jkun inkarigat mill-attivitajiet kulturali u s-Sindku qal li rridu nagħmlu kumitat relatat mal-opri tal-baħar li jġib differenza.

**5.04 Dwal u Tiżjin tal-Milied –** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Jason Camilleri jieħu ħsieb dawn id-dekorazjonijiet kmieni kemm jista' jkun flimkien mas-sotto-kumitat tiegħu sabiex ma jerġax jiġri bħal snin oħra u naqgħu lura u jkun tard wisq.

**6.00 Aġġornament – Kumitat Amministrattiv Burmarrad**

6.01 Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad is-Sur Ray Bartolo qal illi l-Festa Bdiewa u attivitajiet oħra li jsiru fil-Wardija kienu jaqaw fir-responsabilita tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Is-Sindku wieġeb li dan il-Kumitat kien parti mill-Kunsill Lokali u għalhekk il-Kunsill kellu kull interess li jsaħħaħ dawn l-attivitajiet. Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li s-Sur Ray Bartolo ma kellux jibqa' jirrepeti dak li kien diga' intqal dwar dan u talab *point of order* għaliex is-Sur Bartolo kien qed jaqbeż il-limiti ta' kemm kellu dritt jintervjeni fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Sur Bartolo irribatta billi qal li bħala rappreżentant u Ċerpersin ta' Burmarrad u l-Wardija, huwa ried jagħmilha ċara li dawn kienu rwoli tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u dan skont il-Liġi tal-Kunsilli.

Is-Sur Bartolo qal li l-Kumitat Amministrattiv kien intalab mill-Kunsill sabiex jippreżenta stima ta' spejjeż li kien jinvolvi x-xogħol fit-telgħa tal-Wardija. Huwa qal li l-ispiża kienet stmata li titla' għal Euro 4,300.--. Ġie deċiż unanimament li tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet. Is-Sur Bartolo intalab jgħaddi d-dettalji kollha lis-Sindku. Is-Sindku qal li meta jidħlu l-offerti dawn għandhom jiġu iġġudikati b'urġenza li kien ser jagħti prijorita' lil din it-tiswija urġenti, jaraw flimkien is-sit imsemmi mas-Sur Ray Bartolo u jmexxuh b'urġenza.

"Iċ-Cerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad saħaq ukoll illi rigward it-Tender taż-Żamma tas-*Soft Areas*, daqs sena ilu, hu kien għadda lis-Segretarju Eżekuttiv is-siti kollha li hemm f'Burmarrad u l-Wardija li jaqgħu taħt dan it-Tender. Dan sabiex ikun jista' jiġi *drafted* l-ispeċifikazzjonijiet tat-*Tender*. Gara li t-*Tender* baqa' ma nħariġitx. Konsegwenza ta' dan il-Kumitat Amministrattiv għadu sal-lum il-ġurnata jeħel € 632.70 fix-xahar għaż-Żamma tal-Pjazza ta' Burmarrad, aparti s-salarji fix-xahar relatat maż-Żamma tas-*Soft Areas*. Iż-Żamma tal-Pjazza ta' Burmarrad ser tiġi nkluża f'dan it-*Tender* li kellu joħroġ madwar sena ilu. Dan wasal biex intortament, il-Kumitat Amministrattiv ħallas madwar € 8,000. Fuq qbil waqt Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, iċ-Ċerpersin ressaq talba quddiem il-Kunsill Lokali sabiex il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad jiġi kkompensat".

**7.00 Aġġornamenti – Kunsilliera.**

7.01 Is-Sindku, is-Sur Mario Salerno qal li huwa kien irid li l-ilmenti li jidħlu l-Kunsill jiġu kollha ċċirkulati lill-Kunsilliera dakinhar stess. Huwa qal li meta jkun hemm materji ta' urġenza dawn jistgħu

jiġu deċiżi mis-sotto-kumitati b'approvazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Kull xogħol irid ikun approvat mis-Segreatrju Eżekuttiv biex isir ix-xogħol li hemm bżonn u jiġu ratifikati wara fil-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li meta tiġi pubblikata is-sejħa għall-offerti tal-manutenzjoni tas-*soft-areas* huwa jrid li jiġi inkluż li l-kuntrattur jiġbor fdalijiet taż-żabra tas-siġar u pjanti mingħand ir-residenti. Dawn ikunu jistgħu jiġu kkonvertiti f'kompost fuq bażi kummerċjali minflok jintremew. Kien hemm bżonn li jinħoloq sens ta' *awareness* fost ir-residenti. Dan jista' jsir fuq bażi ta' prova f'lokalita bħax-Xemxija. Huwa qal li kien ser jiddiskuti din il-proposta mal-kuntratturi. Ir-rata ta' riċiklaġġ fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar kienet biss ta' 4 kilos kull ras komparat ma' lokalitajiet oħra fejn din ir-rata kienet ta' bejn 40 u 49 kilos ir-ras.

Is-Sindku qal li l-latrini pubbliċi tal-lokalita' kienu *disgrace*. Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li l-Kunsill kien għażel li jikri *Mobile Toilets* minflok jieħu lura il-latrina tal-pjazza ta' Bugibba. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkonverti dak il-bini msemmi f'uffiċini satellita tal-Kunsill. Huwa qal li fil-jiem li ġejjin kien ser iżur il-latrini kollha tal-lokalita'.

7.02 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Alex Bezzina qal li kien hemm ħofra kbira u perikoluża ħdejn il-futbol grawnd tas-Sirens u oħra ħdejn il-Bognor Regis u għandha ssir it-tiswija immedjata. Is-Sindku, is-Sur Mario Salerno u l-Kunsilliera għarfu dan il-periklu u qabblu li jkun hemm it-tiswija minnufih.

**8.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Billi kien sar il-ħin ġie deċiż unanimament li l-laqgħa taġġorna għal Gimgħa 13 ta' April fis-sitta ta' filgħaxija. Dan sar wara li ntlaħaq ftehim li l-laqgħat jibdew isiru nhar ta' Gimgħa, fis-sitta ta' filgħaxija.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Segretatju Eżekuttiv**

11 ta' April 2012

Ref: 55 / 3345 / 12 / OCZ